MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 21/1999/1

**Marco u Christine Buttigieg**

**vs**

**Rose Cini**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Novembru 2003, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata, prevja d-dikjarazzjoni li l-incident awtomobilistiku li sehh nhar id-19 ta' Gunju 1998 fi Triq l-Isponsun kontrada ma' Triq Mater Boni Consigli, Fgura, sehh b'tort uniku tal-konvenuta meta

bi traskuragni, b'imprudenza, b'imperizja u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku baqghet diehla bil-vettura tal-marka Skoda bin-numru BAI 296 fil-vettura tal-marka Mazda bin-numru ta' registrazzjoni LAU 571, propjeta' tal-atturi u b'hekk ikkawzatilha danni li ma jaqbzux l-ammont ta' elf lira Maltija (Lm1,000). Il-konvenuta thallas lill-atturi l-istess danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru 1998 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-eventwali hlas – ilkoll kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet illi l-incident stradali li ghalih qed issir riferenza fl-avviz odjern ma garax htija ta' l-eccipjenti izda unikament htija ta' l-attrici Christine Buttigieg li kienet issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAU 571.

Bir-riserva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, qabel kollox, jkun opportun li ssir referenza ghall-<u>iskizz</u> maghmul minn <u>PS 1382 Joseph Agius</u> u li jinsab "in atti" a fol 53. Mill-istess skizz jidher li l-lokalita' ta' dan l-incident hu l-<u>incrocju</u> ("cross road") bejn Triq Mater Boni Consigli u Triq l-Isponsun fil-Fgura. Jidher, ukoll, li l-vettura numru LAU 571 misjuqa minn l-attrici kienet ser tohrog minn Triq l-Insponsun waqt li l-oha misjuqa mill-konvenuta u bin-numru BAI 296 kienet, di gja, harget mill-parti ta' fuq ta' Triq Mater Boni Consigli u diehla fil-parti l-ohra tal-istess triq. Inoltre, mir-<u>rapport</u> esebit in atti mill-istess fizzjal tal-Pulizija, il-konvenuta kienet stqarret "a caldo" li kienet qed issuq f'Triq Mater Boni Consigli u kif waslet fl-incorcju ma Triq l-Isponsun, hi ma waqfitx fil-kantuniera peress li sostniet li kellha d-dritta ("right of way) waqt li l-attrici qalet li kienet waqfet fil-kantuniera bejn iz-zewg toroq msemmija "when car no. BAI 296 dashed into it".

Ikkunsidrat

Illi l-attrici ("affidavit" a fol 10, fol 75 ibid) difatti, xehdet li meta waslet fit-tarf ta' Triq l-Insponsuni u giet sabiex iddur lejn ix-xellug taghha ghal go Triq Mater Boni Consigli, hi waqfet. Kif kienet qed thares sabiex tara jekk humiex gejjin karozzi ohrajn, karozza ohra gejja mix-xellug taghha dahlet gol-vettura taghha, b'velocita qawwija. Mad-daqqa l-karozza l-ohra misjuqa mill-konvenut "… regghet marret fuq in-naha taghha …." tat-triq. Fl-istess karozza mal-attrici kien hemm ukoll, Carmen Zammit ("affidavit" a fol 30 ibid) li meta xehdet, ikkonfermat fis-sustanza dak li kienet sostniet l-attrici fix-xhieda taghha. Din ix-xhud ghamlet enfasi fix-xhieda taghha li l-konvenuta saqet "sparata ghal fuqna" u laqtet il-vettura tal-attrici "b'sahha tremenda" waqt li din kienet , ghada wieqfa. Ghandu jigi notat li kemm l-attrici kemm Carmen Zammit semmew lill-konvenuta, wara l-incident, gabet ruhha bhala wahda "…… li ma tafx x'qeghda taghmel" fi kliem l-istess Carmen Zammit.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta xehdet, ukoll, bil-procedura ta' "affidavit" (fol 71 in kontroezami) u sostniet li, fil-kantuniera bejn iz-zewg toroq imsemmija , l-attrici "… harget minn wara l-kantuniera …. U baqghet diehla fuqi …." Jigi notat li waqt il-kontro ezami taghha, wara li l-istess konvenuta sostniet li kienet waqfet fil-kantuniera, l-Qorti kienet ikkostatat li hi "….ma tistax tkompli tixhed" (fol 81 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi kif esposti u mill-fatti risultanti minnhom jidher li l-attrici kienet qed issuq bid-debita attenzjoni u prudenza sabiex tara jekk tistax iddur minn Triq l-Isponsun lejn ix-xellug taghha. Pero, l-istess ma jistax jinghad fil-konfront tal-konvenuta li tidher li kienet qed issuq, fl-istess incrocju minghajr l-ebda prudenza u probabilment, minghajr ma tosserva r-regola li ghandha l-hin kollu, tibqa "on the proper side of the road" ossija fuq ix-xellug tat-triq. Difatti jidher li hi kkonsidrat lilha nnifisha

bhala aventi r-“right of way” u ghalhekk ma waqfitx jew almenu ma rralentatx meta waslet fl-istess incorcju. Hawnhekk il-Qorti tixtieq tirrileva li l-lokalita’ hija approssimattivament, incrocju bejn zewg toroq, liema toroq jidhru li huma ta’ importanza ugwali, F’kaz bhal dan jidher li hu pacifiku li minn qieghed fuq in-naha tax-xellug, f’dan il-kaz, ghandu effettivament id-dritta. Pero’, dan premess, ma jfissirx li s-sewwieq li ghandu r-“right of way”, ma ghandux juza d-debita kawtela sabiex jevita incidenti bhal dak in esami. Da parti tal-attrici jidher li, bhala fatt, uzat il-prudenza rikjesta minnha, sabiex tesplora l-istess toroq. Illi, ghalhekk, fl-assjiem tal-provi kif esposti, il-konvenuta trid tigi ritenuta responsabbli ghal dan l-incident.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-“quantum” tal-hsarat mir-rapport citat jidher li, mid-dokumenti esebiti “in atti” (fol 21 sa 28, 42 u 42A, 44, 49 u 50, 62A u 63, 19 u 20, 77) l-atturi hallsu b’kollox Lm963.84,0.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba imprudenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-trattriku u da parti tal-istess konvenuta.
2. Tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm963.84,0 u;
3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta’ Lm963.84,0 bl-imghax legali mit-8 ta’ Jannar 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-isepjjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Ottubru 1998.”

Il-konvenuta tikkritika din is-sentenza bl-aggravju illi l-ewwel Qorti ma apprezzatx sew il-provi li tressqu quddiemha. B' mod partikolari targomenta li kien jinkombi fuq l-attrici appellata li tezercita l-prudenza massima qabel ma tohrog fuq it-triq transitata minnha;

Aggravju iehor taghha hu dak li d-danni ma gewx korrettament likwidati. F' dan il-kuntest tillanja li r-ricevuta esebita ghall-*panel beating* u *spray* fuq il-vettura ta' l-appellati kienet tindika somma superjuri ghal dik ta' l-istima. F' kull kaz, issostni wkoll, li l-kont kellu jittotalizza s-somma ta' Lm860.53, u mhux Lm963.84, kif hekk zbaljatament indikat fis-sentenza appellata;

Il-fatti li taw lok ghall-kawza huma sew esposti fis-sentenza appellata u ma jidherx li hemm il-htiega li dawn jergghu jigu mtennija. B' danakollu, il-Qorti jidhrilha li jkun opportun jekk taghmel certi konsiderazzjonijiet ta' natura generali b' introduzzjoni ghall-ezami tal-kaz specifiku;

(1) Jibda biex jigi osservat illi in materja ta' incidenti awtomobilistici jezistu certi presunzjonijiet, x' aktarx dettati mir-regolamenti, li joffru gwida tajba ghal skop ta' ricerka tar-responsabilita`. Hekk, per ezempju, fil-kaz in ispecje, l-ewwel Qorti ssenjalat il-punt illi fl-inkrocju bejn zewg toroq ta' importanza ugwali min ikun fuq ix-xellug ghandu ir-"*right of way*". U allura jekk is-sewwieq l-iehor jinfrangi din ir-regola hu prezunt fi htija jekk din l-infrazzjoni tieghu taghti lok ghall-incident;

(2) Logikament, pero`, din il-prezunzjoni ta' htija tista' tigi superata jekk mill-ezitu ta' l-apprezzament tal-provi tigi individwata mgieba kulpuza eskluziva fil-konducent li kellu d-dritt ta' precedenza u jkun jirrizulta wkoll illi s-sewwieq l-iehor ikun uniforma ruhu mar-regoli stradali u man-normi maghrufa tal-prudenza komuni;

(3) Ta' min jirrileva wkoll illi l-inosservanza jew infrazzjoni kommessa minn sewwieq wiehed ma tiddispensax lill-gudikant milli jfittex u jivverifika l-kondotta tas-sewwieq l-iehor. Dan dejjem ghall-iskop li jigi stabbilit jekk fic-cirkostanzi ta' fatt accettat jezistix xi element ta' kontributorjeta` ghall-akkadut da parti ta' dan il-konducent;

Premessi dawn il-preliminari, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-iskontru awtomobilistiku *de qua* ma kienx dovut ghal xi nuqqas ta' diligenza da parte ta' l-attrici appellata. Jirrizulta mix-xhieda taghha, sorretta wkoll minn dik ta' Carmen Zammit (fol. 30) li din waqfet meta waslet fit-tarf ta' Triq l-Isponsun, u esplorat biex tara jekk kienux gejjin vetturi fit-triq li riedet taccedi ghaliha. Tali kondotta certament kienet konsona ghal dik li kienet aspettata minnha, jigifieri l-osservanza tar-regoli kawtelattivi tal-prudenza u tal-vigilanza. Dan hu anke sopportat mill-element ta' prova indipendenti, u cjoe, l-iskizz preparat mis-Surgent PS 1382 Joseph Agius (fol. 16) li nvestiga l-incident u minnu konfermat (fol. 51), kif ukoll mir-*res gestae* rikapitolati fl-okkorrenza (fol. 13);

Inversament jirrizulta li l-kondotta tas-sewqan tal-konvenuta appellanti kienet wahda sgarbata jekk mhux ukoll razenti agir kriminuz u ndifferenti ghal dak kollu li kien qed isir madwarha. Hi naqset li tieqaf jew tirrallenta ghax, skond, kif rakkontat lis-Surgent precitat "*she insisted that she has the right of way*". Bhallikieku dan id-dritt kien ukoll jaghtiha l-eskluzivita` li titrasforma t-triq f' pista tal-giri u ta' non-kuranza assoluta. Fic-cirkostanzi li kienet tinsab fihom, il-prudenza kienet certament timponi fuqha li tnaqqas l-i*speed* taghha u mhux tiehu r-riskju li tissokta bl-istess manuvra u velocita` precedenti minghajr ma zzomm il-vettura taht kontroll. Aktar mir-regolamenti kellu jkun il-bon sens li jmexxi l-kondotta tas-sewqan taghha. Effettivament minn dak rinvenut mill-provi, fuq id-deskrizzjoni provvduta mill-attrici u mix-xhieda taghha, l-impressjoni li tinghata hi dik li l-konvenuta ma kinitx ghal kollox konxja ta' x' kien verament qed jigri madwarha. Dan hu hekk evidenti mill-imgieba taghha wara l-incident;

Dan premess, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, hi konvinta li l-kawza prossima u unika ta' l-incident kienet dan in-nuqqas ta' kawtela da parte ta' l-appellanti. In-ness ta' kawzalita` ghall-event dannuz subit mill-appellati kien jemergi mill-mod tas-sewqan imprudenti taghha u mhux minn xi kondotta kolpuza, eskluziva jew konkorrenti,

imputabbli lill-appellata Christine Buttigieg u li, kif inghad, uniformat ruhha pjenament ma' dak li kien mistenni minnha;

Premess li ghall-incident tahti unikament l-appellanti l-ewwel aggravju taghha ma jistax jircievi favur;

Kwantu ghall-aggravju l-iehor riferibilment ghal-likwidazzjoni tad-danni jibda biex jinghad illi fir-risposta taghhom l-appellati jikkoncedu li aritmetikament it-total tad-dannu jassomma ghal Lm864.04 u mhux l-ammont kif stabbilit fis-sentenza appellata.  Ghalhekk taht dan l-aspett din il-Qorti ser takkolji dan l-aggravju;

B' danakollu, il-Qorti ma tistax taccetta bhala sottomissjoni valida l-accenn li sar mill-appellanti ghal fatt li l-ispiza nkorsa ghall-*panel beating* u *spray* kienet teccedi l-ammont stmat mis-*surveyor*.  Il-Qorti thoss li min igarrab il-hsara b' konsegwenza tan-negligenza ta' haddiehor ma jistax, u ma ghandux, jitghabba bi tnaqqis ta' rizarciment jekk fil-fatt ikun gie determinat u provat, minghajr ebda kontestazzjoni, li tali danni jkunu fil-fatt tbatew u l-ispiza ghalihom effettivament inkorsa.  Dan anke jekk jirrizulta li l-ispiza tkun tissupera l-ammont stabbilit mis-*surveyor*.  Tibqa' dejjem, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, regola sana illi f' materja ta' rizarciment ta' danni, id-danneggjat ghandu jkollu d-dritt jikkonsegwixxi rizarciment effettiv li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz.  Dan dejjem, s' intendi, ma jigix xort' ohra pruvat illi d-diskrepanza, bejn l-istima u l-hlas rapprezentat mir-ricevuta, ma tkunx wahda kapriccjuza jew, aghar, l-effett ta' agir doluz.  Agir dan li fil-kaz hawn trattat ma jirrizultax u lanqas provat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-appell in kwantu ghall-ewwel aggravju riferibbilment ghar-responsabilita` ghall-kollizzjoni, timmodifika u tvarja s-sentenza appellata fir-rigward tad-danni likwidati billi tirreduci l-ammont taghhom ghas-somma ta' tmien mija u hamsa u sittin lira u erba' centezmi (Lm865.04,0);

L-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-erba' kwinti (4/5) mill-konvenuta appellanti u kwantu ghall-kwinta (1/5) parti mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------